MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 962/2009

**ADS System Limited (C28662)**
**Vs**
**Grand Hotel Excelsior Limited (C12837)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elf, tlett mija u tnax-il ewro w sebgha u hamsin centezmi (€1312.57) rapprezentanti bilanc cert, likwidu w dovut skont fatturi ghal servizzi moghtija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ April, 2009 (261/2009)-(Dok.B) anness mat-talba, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn qalu li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda, billi kif ha jigi ppruvat aktar tard waqt it-

trattazzjoni tal-kawza, fost affarijiet ohra, ix-xoghol u s-servizz li gie allegatament moghti mill-istess socjeta' rikorrenti ma sarx kollu u ma sarx kif kien gie miftiehem bejn il-partijiet.

Salv eccezzjonijiet ohrajn.
Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha prezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Stephen Fenech, David Spiteri Fiteni, Dorian Desira u Aidan Formosa.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar numru ta' fatturi li baqghu ma thallsux wara servizzi varji ta' l-IT moghtija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Illi l-kontestazzjoni ewlenija tas-socjeta' konvenuta hija li x-xoghlijiet ma sarux skont s-sengha w l-arti u ghalhekk ma riedux ihallsu ghal servizz hazin.

Illi skont ix-xhud Stephen Fenech, *financial controller* mas-socjeta' attrici, ikkonferma li
kien hemm ftehim mas-socjeta' konvenuta illi jaghmlu xoghlijiet ta' konsulenza kif ukoll ta' installazzjoni ta' sistemi ta' l-IT madwar il-lukanda operata mis-socjeta' konvenuta. Illi dan il-ftehim ma kienx bil-miktub u li l-partijiet ftiehmu li s-socjeta' attrici tithallas bis-siegha. Skont *statement* li esebixxa mat-talba, jirrizulta li hemm kontijiet pendenti fis-somma ta' elf tliet mija w tnax-il ewro w seba' u hamsin centezmu (€1312.57) rapprezentanti servizz lilha moghtija kif jidher minn varji fatturi u *job sheets* ezebiti in atti. Xehed David Spiteri Fiteni, li kien jokkupa l-kariga ta' *Systems Engineer* mas-socjeta' attrtici. Xoghlu kien jikkonsisti billi kull darba li kien isir xi xoghol ghand xi klijent hu kien inkarigat li jaghddi d-dokumentazzjoni lid-dipartiment tal-finanzi tal-klijent ghall-hlas. Spjega fid-dettal, il-fatturi kif ukoll il-*job sheets* ezebiti, fejn fihom jkun hemm miktub ix-xoghol li

effettivament ikun sar ghand il-klijent u ghal liema xoghol ikun qed jintalab il-hlas. Qal ukoll li l-klijent ikun iffirma fuq din il-*job sheet* ghax-xoghol li jkun sarlu w b'hekk ikun hemm konferma li effettivament is-servizz ikun inghata.

It-Tribunal jirrileva li ma jirrizultawx illi kien hemm ilmenti fuq il-*job sheets* ezebiti w li l-firem min-naha tas-socjeta' konvenuta jikkonfermaw li x-xoghlijiet saru.

Spjega ukoll li kien hemm tentattiv sabiex jaslu fuq qbil dwar il-pagamenti u fil-fatt saret laqgha fil-lukanda stess fejn anke kienu prezenti l-*financial controller* u l-*general manager* tal-lukanda sabiex jidiskutu l-hlas. Illi ghandu jinghad illi s-socjeta' konvenuta topera l-lukanda Grand Hotel Excelsior f'Malta. Minn din il-laqgha rrizulta li kien intlahaq ftehim li kellu jsir *repayment schedule*, pero' l-hlas effettiv baqa' ma sarx. Issokta billi qal li skont ma jaf hu, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni fuq xi kontijiet u kien ghalhekk li kienu waslu ghal dan il-ftehim.

Aidan Formosa, xhud prodott mis-socjeta' konvenuta qal li huwa ilu *IT Manager* mas-socjeta' konvenuta ghal dawn l-ahhar tliet snin. Huwa kkonferma li s-socjeta' attrici kienet itqabbdet sabiex bhala konsulent ta' l-IT, u fost servizzi ohra relatati, hija kellha tipprovdi w tinstalla sistema shiha tal-IT ghas-socjeta' konvenuta kif ukoll dik tal-lukanda. Spjega li l-inkarigu kien jikkonsisti billi jinstallaw *fibre optic cable* ma' kull parti tal-lukanda. Intqal li l-inkarigu tal-*cables* kien kwazi tlesta kollu mis-socjeta' attrici, izda l-ilment ewlieni kien id-dewmien izejjed. Illi dan id-dewmien kien ha jiswielhom f'telf ta' konferneza internazzjonali tal-*Motorola* fil-lukanda u ghalhekk kien hemm bzonn illi s-sistemi tal-IT jkunu kollha f'posthom sad-data tal-ftuh tal-lukanda kif ukoll ghal din il-konferenza. Intqal illi minhabba dewmien esagerat, is-socjeta' konvenuta kellha tqabbad lil terzi u cioe' Computine Ltd, li kompletat ix-xoghlijiet kollha f'inqas minn jumejn. Formosa qal ukoll, illi huwa qatt ma 'lmenta bil-miktub, mar-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, dwar xoghlijiet hziena izda bil-miktub kien ilmenta biss dwar d-dewmien, tant illi l-inkarigu li nghatat is-socjeta' attrici ma giex ikkompletat minnha izda minn terzi.

Gie kkonfermat li kienet saret laqgha fil-lukanda stess, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, fejn anke kienu prezenti l-*financial controller* u l-*general manager* tas-socjeta konvenuta, biex jiddiskutu l-pendenzi ta' beniethom u kienu waslu ghal ftehim ta' hlas ratejali izda l-hlas effettiv baqa' ma sarx.

Illi fil-kaz in ezami t-Tribunal fehem illi s-socjeta' attrici qed tghid li hija tat servizz lis-socjeta' konvenuta konsistenti f'konsulenza u installazzjoni ta' sistema w in materja ta' l-IT. Illi fil-fehma tat-Tribunal, mill-provi rrizulta li s-servizz kien inghata u ma kienx hemm ilmenti dwar ix-xoghlijiet tant illi l-*job sheets* kienu kollha iffirmati minn nies teknici min-naha tas-socjeta' konvenuta. Ra li s-socjeta' konvenuta qatt ma kkontestat xi firma fuq dawn l-istess dokumenti u lanqas dehrilha xieraq fic-cirkosatnzi li tilmenta bil-miktub dwar dawn ix-xoghlijiet. Gie kkonfermat li kienet saret laqgha fil-lukanda stess, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, fejn anke kienu prezenti l-*financial controller* u l-*general manager* tas-socjeta konvenuta, biex jiddiskutu l-pendenzi ta' beniethom u kienu waslu ghal ftehim ta' hlas ratejali izda l-hlas effettiv baqa' ma sarx. Illi ma kienx jidher li kien hemm kontestazzjoni fuq xi kontijiet, minhabba xoghlijiet mhux skont is-sengha u l-arti, u li kien ghalhekk li kienu waslu ghal dan il-ftehim. Spjega ukoll li l-firmatarju tal-*job sheets* kienet tkun persuna teknika min-naha tas-s-socjeta' konvenuta w li kieku riedet tikkontesta s-servizz tas-socjeta' attrici setghet tikteb xi notament fuq il-*job sheet* u tindika l-ilment, izda ma sarx hekk.

Mix-xhieda ta' Aidan Formosa, l-IT Manager tas-socjeta' konvenuta, kkonferma l-inkarigu tas-socjeta' attrici w li l-ilment ewlieni tas-socjeta' konvenuta kien id-dewmien ezagerat sabiex jitlestew x-xoghlijiet tant illi kienu qieghdin f'riskju li jitilfu konferenza internazzjonali mal-ftuh tal-lukanda. Illi l-ilmneti tad-dewmien kienu gew komunikati kemm-il darba anke bil-miktub izda d-dewmien xorta wahda baqa' tant illi kellhom jidahhlu terzi li kkompletaw ix-xoghlijiet f'inqas minn jumejn.

It-Tribunal jirrilleva illi s-socjeta' konvenuta qatt ma cahdet li kien hemm kontijiet pendenti u ma qalet xejn dwar il-laqgha li sehhet fil-lukanda mal-*general manager* u l-*financial controller* taghha. Illi t-Tribunal ghalhekk jikkonkludi li fil-bidu sehhew trattavi bejn il-partijiet u kien hemm ftehim li s-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut, izda ghal xi raguni kienet bidlet fehmitha. Intqal, illi r-raguni kien li x-xoghol ma kienx sar sewwa izda r-raguni ewlenija hija d-dewmien eccessiv sabiex jigu kompletati x-xoghlijiet. Illi minn imkien ma jirrizulta prova li x-xoghlijiet fil-fatt kienu saru hazin. Mill-provi ukoll jirrizulta li ma kienux intrabtu bi ftehim bil-miktub u l-ftehim ta' hlas mas-socjeta' attrici kienet bis-siegha. Illi wkoll s-socjeta' konvenuta qatt ma rabtet lis-socjeta' attrici b'terminu sabiex jigu kompletati x-xoghlijiet.

It-Tribunal ghalheekk huwa tal-fehma li jekk s-socjeta' konvenuta dehrilha li kien hemm dewmien eccessiv hija kellhom l-obbligu li tissalvagwardaw tali cirkostanzi w kellha torbot lis-socjeta' attrici b'terminu ghall-kompletazzjoni tax-xoghlijet. Haga li s-socjeta' konvenuta qatt ma ghamlet.

It-Tribunal jifhem il-frustrazzjoni ta' klijent meta socjeta' inkarigata ddum izzejjed sabiex tikkompleta xoghlha, izda s-socjeta' konvenuta ma kienet ghamlet xejn sabiex tipprevjeni dewmien eccessiv.

In konkluzjoni, t-Tribunal imkien ma jirrizultalu li kien hemm xi ilment dwar xoghlijiet hziena izda biss ilment dwar dewmien eccessiv. Ili mix-xhieda rrizulta ukoll illi l-fatturi mhux imhallsa lanqas ma jappartjenu xoghlijiet fejn l-ilment ewlieni kien dwar xoghol hazin izda sahansitra l-fatturi jirrraprezentaw xoghlijiet fix-xhur sussegwenti. Dan ifisser ukoll illi s-socjeta' attrici minkejja li ma kienetx sodisfatta bix-xoghlijiet tas-socjeta' attrici kompliet tuza s-servizzi taghha sal-ahhar tas-sena.

It-Tribunal wara li sema' w evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, m'huwiex konvint li x-xoghol ma sarx skont is-sengha w l-arti u li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma jistghux jigu akkolti ghaliex l-ilment ewlieni kien id-

dewmien, ilment li dwaru ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta,  jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici fis-somma ta' elf tliet mija u tnax-il ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1312.57) bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------